MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 899/2004

Laferla Insurance Agency Limited
vs
Brian Mallia

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Billi s-socjeta` attrici kienet licenzjata sabiex topera bhala agent ta' assikurazzjoni a tenur tal-Kapitolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta u topera bhala agent tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc.

Billi l-konvenut Mallia kien sub-agent tas-socjeta` Citadel Insurance ukoll a tenur tal-istess Kapitolu 403.

Billi l-konvenut Brian Mallia kien ghal diversi snin jopera bhala sub-agent tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited illi allura kienet l-intermedjarju bejn l-imsemmi

konvenut Mallia u l-istess socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc.

Billi fil-kors tal-operazzjoni tieghu ta' sub-agent tas-socjeta` attrici, l-imsemmi konvenut kien akkumula l-informazzjoni ossija data kollha mehtiega dwar il-klijenti assikurati tas-socjeta` attrici li kien sufficjenti ghall-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni lill-persuni assikurati mill-attrici, sabiex ***inter alia*** jinzammu fis-sehh il-poloz ta' assikurazzjoni hekk mahruga mill-attrici u sabiex tali poloz jigu regolarment u tempestivament rinnovati, liema informazzjoni kienet tappartjeni lis-socjeta` Middle Sea Insurance plc bhala assikuratrici.

Billi din l-imsemmija informazzjoni kienet tinkludi taghrif kunfidenzjali dwar il-persuni assikurati mis-socjetajiet attrici bhal ma kienu d-dettalji tal-individwu assikurat u tal-persuni l-ohra koperti mill-poloz, dettalji tal-poloz mahruga, l-estensjoni tal-koperta u l-kundizzjonijiet tal-istess, dettalji tal-claims maghmula taht l-istess poloz u dettalji tal-premia ossija korrispettiv pagabbli mill-assikurati, liema informazzjoni kienet giet svelata lis-socjeta` attrici mill-imsemmija assikurati (ukoll tramite l-intervent tal-imsemmi konvenut Brian Mallia) in ezekuzzjoni tal-obbligu ta' ***umberrimae fides*** gravanti lilhom skond il-Ligi u bir-rassikurazzjoni tal-obbligu korrispondenti ta' kunfidenzjalita` gravanti lill-istess socjeta` attrici.

Billi f'Lulju tal-2004, l-imsemmi Brian Mallia kien waqaf jopera bhala sub agent tas-socjeta` attrici u ftit wara, kien beda jopera bhala sub-agent tas-socjeta` Citadel Insurance plc.

Billi appuntu minn Lulju 2004 sallum kien irrizulta lis-socjeta` attrici li l-imsemmi Mallia kien qieghed sistematikament javvicina lill-persuni assikurati mas-socjeta` Middlesea Insurance plc tramite l-agenzija tas-socjeta` attrici Laferla Insurance Agency Limited u jistedinhom jikkancellaw il-poloz taghhom hekk mahruga bl-intervent tas-socjeta` attrici u minflok jottjenu l-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni analoga mahruga mis-socjeta`

Citadel Insurance plc, illi taghha, kif kien inghid, l-istess konvenut kien sub-agent.

Billi kien qieghed ukoll jirrizulta li propju ghall-iskop fuq imsemmi, l-istess konvenut, minghajr il-kunsens tas-socjeta` attrici, kien zamm u ikkonserva ghalih, l-informazzjoni ossija data estensiva u kunfidenzjali dwar l-assikurati tas-socjeta` attrici fuq imsemmija, akkumulata minnu, kif gja kien inghid, fil-perjodu li huwa kien sub-agent taghha u kien qieghed illegalment u minghajr il-kunsens taghha jew tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc jutilizza tali informazzjoni propju sabiex javvicina lil jew jikkomunika mal-assikurati tas-socjeta` attrici, x'hin jasal biex jaghlaq il-perjodu ta' kopertura taht il-poloz u kien jistdinhom jikkancellaw il-poloz taghhom mal-assikuraturi taghha, u minflok jottjenu l-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni minghand il-principali tieghu Citadel Insurance plc.

Billi l-agir tal-konvenut kien ovvjament dannuz ghas-socjeta` attrici li kienet qeghda titlef il-kummissjonijiet fuq il-poloz illi ma jigux rinovati minhabba l-operat tal-konvenut.

Billi wkoll tali agir kien illegali billi l-informazzjoni ossija data konservata u utilizzata fil-prezent mill-konvenut bil-mod hawn deskritt kienet tappartjeni esklussivament lis-socjeta` Middle Sea Insurance plc u kienet giet minnha originarjament fdata lill-konvenut, tramite l-intermedjazzjoni tas-socjeta` attrici, bhala l-fiducjarju taghha u biss sabiex l-istess informazzjoni tigi utilizzata mill-istess konvenut Mallia strettament ghall-finijiet tal-operat tieghu bhala sub-agent tas-socjeta` attrici.

Billi interpellat jiddezisti mill-agir illegali tieghu, il-konvenut kien baqa' inadempjenti, anzi kien insista li l-imsemmija informazzjoni kienet tappartjeni lilu.

Billi in vista ta' dan is-socjeta` attrici kienet talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1994/04 illi bih l-istess konvenut kien gie inibit milli juza l-informazzjoni ossija data fuq imsemmija.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1) Tinibixxi definittivament lill-konvenut Mallia milli jaghmel xi uzu ta' liema xorta jkun, mill-informazzjoni ossija data dwar l-assikurati tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, fdata lilu mill-istess socjeta` attrici bhala l-fiducjarju taghha fil-kors tal-perjodu meta l-istess konvenut kien jopera bhala sub-agent tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Settembru 2004, u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmija kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

B' riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-istess socjeta` attrici, kompriza l-azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Preliminarjament: (a) illi l-konvenut kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi s-socjeta` attrici ma kellhiex ***locus standi*** u interess guridiku fil-kawza stante, li kif kienet tippermetti l-istess socjeta` attrici (fit-tielet premessa) u fit-talba taghha, l-allegata informazzjoni soggett tal-kawza "tappartjeni lill-Middle Sea Insurance plc bhala assikuratrici" u mhux lilha.
(b) ma kenitx is-socjeta` attrici wahedha kif kienet tallega skorrettement is-socjeta` attrici li kienet talbet u ottjeniet il-mandat ta' inibizzjoni (Nru. 1994/04), izda l-Middle Sea Insurance plc u hi.

2. Illi fil-meritu, it-talba attrici kellha tigi michuda billi l-konvenut li kien awtorizzat li jagixxi ta' sub-agent ai termini tal-Kap. 404 u mhux il-Kap 403 kif ikkwotat mis-socjeta` attrici, ma kellu ebda informazzjoni jew taghrif kunfidenzjali tas-socjeta` attrici hlief ghal records li kien tenut izomm kemm taht l-Insurance Intermediaries Directive numru 7 mahruga mill-MFSA (li tistabilixxi code

of insurance selling practice) u kemm bhala good practice hekk kif mitlub mill-istess MFSA.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, kienet l-ghazla libera talassigurati, minghajr pressjoni, li kienu ghazlu li jassiguraw ruhhom ma' Citadel Insurance plc u dana fl-isfond illi sa' Gunju, 2003, is-socjeta` attrici kienet agent tas-socjeta` Citadel Insurance plc.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mark Laferla ghas-socjeta` attrici li fiha semma li s-socjeta` attrici kienet licenzjata sabiex topera bhala agent ta' assikurazzjoni a tenur tal-Kapitolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta u topera bhala agent tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc. Il-konvenut Mallia kien sub-agent tas-socjeta` Citadel Insurance ukoll a tenur tal-istess Kapitolu 403. Il-konvenut kien ghal diversi snin jopera bhala sub-agent tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited illi allura kienet l-intermedjarju bejn l-imsemmi konvenut Mallia u l-istess socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc. Fil-kors tal-operazzjoni tieghu ta' sub-agent tas-socjeta` attrici, l-imsemmi konvenut kien akkumula l-informazzjoni ossija data kollha mehtiega dwar il-klijenti assikurati tas-socjeta` attrici illi kien sufficjenti ghall-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni lill-persuni assikurati mill-attrici, sabiex ***inter alia*** jinzammu fis-sehh il-poloz ta' assikurazzjoni hekk mahruga mill-attrici u sabiex tali poloz jigu regolarment u tempestivament rinnovati, liema informazzjoni kienet tappartjeni lis-socjeta` Middle Sea Insurance plc bhala assikuratrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li fiha ssemma li Laferla Insurance Agency Limited kienet agent ta' Citadel Insurance plc sa Gunju, 2003 u ta' Middle Sea Insurance plc minn Lulju, 2003 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Il-konvenut kien sub-agent tas-socjeta` attrici sa Lulju 2004 ***ai termini*** tal-Kap. 404 u mhux il-Kap 403 kif ikkwotat mis-socjeta` attrici, u minn dak in-nhar sar sub-agent ta' Citadel Insurance plc. Fil-perjodu li kien dam sub-agent tas-socjeta` attrici, huwa ma nghata ebda informazzjoni konfidenzjali minn din is-socjeta`. L-unika records li kellu l-konvenut kienu ***records*** li huwa kien tenut izomm kemm taht l-***Insurance Intermediaries Directive*** numru 7 mahruga mill-MFSA u kemm bhala ***good practice*** hekk kif mithub mill-istess MFSA. It-taghrif u ***data*** kunfidenzjali li kienet qed tirreferi ghalihom is-socjeta` attrici semmai kienu jappartjenu lil Citadel Insurance plc (sa Gunju, 2003) u lil Middle Sea Insurance plc (minn Gunju 2003), bhala assikuratrici u mhux lis-socjeta` attrici li kienet biss agenzija - kif jirrizulta mit-talba tac-citazzjoni u kif iddikjarat l-istess socjeta`. Il-konvenut ma uza ebda informazzjoni kunfidenzjali tas-socjeta` attrici u/jew ta' haddiehor u jekk kien hemm persuni li bidlu l-assikuratur taghhom (bhal ma jghamlu eluf kbar kull sena), din kienet ir-rizultat tal-ghazla libera tal-persuni koncernati u l-konvenut ma ghamel ebda pressjoni fuq hadd biex jghamel dan. Is-socjeta` attrici kienet agent ta' Citadel Insurance plc sa Gunju, 2003 li allura kellha "taghrif kunfidenzjali ossija ***data*** appartenenti lill-Citadel Insurance plc.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe` li :

Preliminarjament: (a) illi l-konvenut kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi s-socjeta` attrici ma kellhiex ***locus standi*** u interess guridiku fil-kawza stante, li kif kienet tippermetti l-istess socjeta` attrici (fit-tielet premessa) u fit-talba taghha, l-allegata informazzjoni soggett tal-kawza "tappartjeni lill-Middle Sea Insurance plc bhala assikuratrici" u mhux lilha.

(b) ma kenitx is-socjeta` attrici wahedha kif kienet tallega skorrettement is-socjeta` attrici

li kienet talbet u ottjeniet il-mandat ta' inibizzjoni (Nru. 1994/04), izda l-Middle Sea Insurance plc u hi.

Illi f'din il-kawza, s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut Mallia jigi inibit milli jaghmel uzu ta' informazzjoni dwar l-assikurati tas-socjeta Middle Sea Insurance p.l.c. stante li din l-informazzjoni giet fdata lilu mill-istess socjeta` attrici. Il-konvenut laqa' billi talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li s-socjeta` attrici m'ghandhiex ***locus standi*** u nteress guridiku, stante li l-informazzjoni in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta Middle Sea Insurance p.l.c.

***KUNCETT TA' L-INTERESS GURIDIKU***

Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et nominee** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI - 11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatement subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

Fil-kawza fl-ismijiet **Elizabeth Grech vs Carmela Vella** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-14 ta' Marzu, 1984 riferibbilment ghal kaz ta' kostruzzjoni ta' opramorta sosniet li din hija servitu` legali maghmula favur il-fond li jbati l-introspezzjoni u mhux favur il-persuna li tghammar fil-fond ghalkemm l-iskop huwa li jigi eliminat l-inkonvenjent ta' din il-persuna. Dan l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni u jrid ikun guridiku cioe` l-interess li l-attur ghandu li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob. Dan l-interess irid ikun anke legittimu, jigifieri konformi ghad-

dritt; u jekk dan ikun biss interess u mhux anke dritt, l-azzjoni ma treggix. Dan id-dritt ghandu jkun fil-konfront tal-konvenut. Ghalhekk il-Qorti zammet li l-attrici bhala persuna li tghix fil-fond dominanti jista' jkollha interess li l-konvenut itella' l-opramorta izda ma ghandhiex dritt li tikkostringieh itella' l-opramorta u ghalhekk jonqos fiha l-interess guridiku rikjest mill-ligi beix tipproponi din l-istanza.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Agatha Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco** deciza fit-28 ta' Novembru 2003 il-Qorti kienet qalet:
"Mid-diversi decizjonijiet imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad jemergu kjarament, is-segwenti principji li ghandhom, fil-fehma anki ta' din il-Qorti, iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi Qorti biex tirrizolvi vertenza ta' din ix-xorta.

Dawn il-principji huma s-segwenti:
(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.
(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;
(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha.
(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.
(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;
(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Madankollu, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’l quddiem;
(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.
(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta’ l-attur,tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Philip Ransley et vs Emmanuel Coleiro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fid-29 ta’ Jannar, 1997 [LXXXI-II-250] il-Qorti sostniet li skond il-gurisprudenza huwa ormai pacifiku li l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni u li jkun konkret, personali u sussistenti di fronte ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura tal-eccezzjoni. Ir-rapport guridiku li jista' jaghti lok ghall-azzjoni mhux necessarjament ikun kontrattwali izda tista' temani wkoll ex lege.

Fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Dicembru, 1983 [LXVII-I-II-250] inghad li ghad li fil-ligi taghna ma hemmx ebda disposizzjoni ***ad hoc*** dwar l-interess guridiku bhalma hemm f'kodicijiet ohra bhal dak Taljan, eppure l-istess principji dejjem gew affermati mill-Qrati taghhna. Dan l-interess m’ghandux ikun ipotetiku imma jrid ikun konkret u sussistenti di fronte ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu. Fis-sistema taghna

mhumiex ipprojbiti domandi diretti ghall-otteniment ta’ dikjarazzjonijiet preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali avolja din id-domanda ma tkunx dedotta in gudizzju. Izda hemm bzonn li l-Qorti tkun perzwaza li hemm dak l-interess anke pre-ordinat ghal kawza ohra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bazi ta' kawza ohra li ssir fil-futur.

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cachia nominee vs Paul Zammit et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc [Imh. J. D. Camilleri ] fit-2 ta’ Marzu, 1989 il-Qorti kellha kaz fejn il-kontendenti flimkien ma' terzi persuni li mhux fil-kawza kienu jippartecipaw f'consortium ghad-distribuzzjoni ta' certu frott u fil-kors ta' l-operazzjoni fethu kont komuni mal-Mid-Med Bank Limited. Gie eccepit illi kienu qed jagixxu in rappresentanza tal-kontijiet bankarji. Il-Qorti kkonkludiet illi l-atturi kienu qed jagixxu fil-vesti taghhom bhala kompartecipi fil-kontijiet biex jikkawtelaw l-allegati drittijiet taghhom. Kull kompartecipi ghandu dritt li jesigi l-komproprjetarju inadempjenti jottempra ruhu ma’ l-obbligi li jkun assuma.

Fil-kawza **Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri deciza fit-3 ta’ Dicembru, 1984 il-Qorti sostniet li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni u huwa rekwizit indispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' gurisdizzjoni kontenzjuza. Dan ghandu jirrizulta mic-citazzjoni izda f’dan il-kaz hareg car li l-attur ma kien ser jippercepixxi l-ebda utilita` fl-impunjazzjoni ta' testment.

Illi l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-konvenut jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta’ l-istess attur u li fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa nteress guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob, li fil-konfront taghha jsir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha. [ara **Farrugia et vs Buhagiar** Appell Kummercjali deciz fit-2 ta’ April 1993]. Sabiex jintwera nteress guridiku, l-interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali, u jrid johrog minn stat attwali ta’ ksur ta’ jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f’kundizzjoni

pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. [ara **Anna Attard et noe. vs Rev. Patri Serafin Abela noe. et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-12 ta' Dicembru 2001].

Rekwizit essenzjali ta' l-interess guridiku jehtieg li jkun attwali hekk kif jiddefinieh il-**Mortara** li jghid li l-interess guridiku huwa "l'utilita` finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza e violazione del diritto." Hekk kif gie deciz fil-kawza **Albert Calleja vs Orazio Micallef,** Appell Civili deciz fl-1 ta' April 1992:
"Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz, jew utli ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat jew sentenza ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."

(Ara wkoll **Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 1991).

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega illi
"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim' Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta'

Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim’ Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta’ Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta’ l-attur, izda dan l-interess m’hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista’ tirbah il-kawza u lanqas tista’ tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. [ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Mejju 1995].

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista’ jghid li <u>l-interess guridiku:</u>

- irid jkun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jedd u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta’ l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatement subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista’ jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

***KAZ IN EZAMI***

Fil-kaz in ezami d-***data*** ossija l-informazzjoni li dwarha qedha ssir il-kawza odjerna tappartjeni lis-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. u dan infatti jinsab premess mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni.  Huwa proprju dan li gieghel lill-konvenut  jeccepixxa n-nuqqas ta’ interess guridiku fil-kawza.  Hu logiku li wiehed iqis li l-informazzjoni akkwistata dwar persuni li lilhom tkun inharget polza ta’ assikurazzjoni bl-intervent tal-agent tibqa’ konservata mill-istess agent izda dan minhabba l-kunsens u approvazzjoni tal-principal.  Is-socjeta` attrici hija agent tal-assikurazzjoni li tahdem fuq bazi ta’ kummissjoni b’mod li tithallas percentwali ta’ kull premuim imhallas mill-assikurat meta l-premium imhallas ikun kawza tal-intervent taghha.  Fil-fatt l-agent hu awtorizzat mill-principal li basta jagixxi fl-interess tal-istess principal li jaghmel uzu regolari tal-informazzjoni ghall-hrug ta’ jew tigdid ta’ poloz.  Izda hawnhekk wiehed irid joqghod ferm attent li ma jhallatx interess ekonomiku ma’ interess guridiku.  Hu ovvju u ma hemmx bzonn ta’ elaborazzjoni li s-socjeta` attrici ghandha interess ekonomiku fl-ezitu tal-kawza, izda fl-istess hin wiehed irid jaghmilha cara li interess ekonomiku ma jwassalx necessarjament ghall-interess guridiku.  Ghalkemm per ezempju kull cittadin f’ Malta jista’ jkollu interess li jinsab iz-zejt ghax b’hekk naturalment ha jizdiedu l-flus fil-pajjiz u l-paga jew qliegh ta’ kull individwu, u ghalhekk naturalment hemm interess ekonomiku, dan ma jwassalx biex jinvesti interess gudizzjarju f’kull cittadin biex jagixxi kontra xi socjeta` li tkun qed tfittex iz-zejt f’Malta jew madwarha.

Issa s-socjeta` attrici ghandha l-interess guridiku distint mill-interess ekonomiku?  Hu ovvju li s-socjeta` attrici kellha interess fl-ezitu tal-kawza kemm meta giet istitwita u li dan l-interess ghadu jezisti sal-lum.  Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti id-dritt li tagixxi ma kienx tas-socjeta` attrici izda tas-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. u dan minhabba l-fatt li l-informazzjoni u ***data*** li dwarha saret il-kawza tappartjeni lil din is-socjeta` u mhux lis-socjeta` attrici u per konsegwenza id-dritt tal-azzjoni kien spettanti lil Middlesea Insurance p.l.c.  Naturalment dan ma jfissirx li s-socjeta` attrici m’ghandhiex interess fl-ezitu ta’ kawza bhal dik odjerna li kieku giet istitwita mis-socjeta`

principali, ghax tali azzjoni kienet kapaci li twassal lis-socjeta` attrici ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`. Huwa veru wkoll li tali interess tas-socjeta` attrici skaturixxa mill-possibbli (mhux pruvata sa dan l-istadju) vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni da parti tal-konvenut. Ukoll hu veru li l-kawza li giet proposta mis-socjeta` attrici tista’ tipproducilha rizultat utli jew vantaggjuz ghaliha li kieku l-Qorti kellha tilqa’ t-talba. Izda ma hemmx in-ness guridiku bejn l-allegat agir abbusiv, illegali tal-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatement subit mis-socjeta` attrici konsegwenzjali ghal tali agir.

Il-qofol huwa l-fatt li d-dritt tal-azzjoni kien vestit f’socjeta` ohra u mhux dik attrici.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------